MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 282/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmelo Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer meta hekk ordnat mill-Qorti, naqas milli jissomministra lill-martu Emanuela Cauchi l-manteniment lilu ordnat li jhallas mill-Qorti tal-Appell ghaliha (cioe' ghal imsemmija martu Emanuela Cauchi) fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih, skond dik l-ordni kellu jhallas dik is-somma fit-13 ta' Mejju, 2008 fit-terminu moghti mill-Ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 t'Ottubru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuza kif dedotta, w ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 t’Ottubru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tibdel, tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata billi thassarha w tirrevokaha in kwantu l-piena li giet inflitta w minflok timponi piena gusta ghall-kaz odjern u tikkonfermaha mill-bqija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti f’illi l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant li ghandu fedina penali relattivament tajba ghal piena li fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi umanitarji tal-appellant.

Semghet ix-xhieda ta’ mart l-appellant Emanuela Cauchi fis-seduta tal-lum li minnha rrizulta li l-appellant ma hallasx xejn mid-data tas-sentenza sal-lum u li dawn il-pendenzi ghadhom ma gewx onorati.

Ikkonsidrat

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena ta' xahar detenzjoni erogata mill-Ewwel Qorti. Illi din il-Qorti kellha hafna okkazzjonijiet fejn ippronunzjat ruha li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella**” [14.6.1999] , **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn). F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi ghax il-massimu taghha kien ta' xaharejn detenzjoni. Ghalhekk zgur li ma hix wahda eccessiva.

Illi l-unika bazi ghall-appell tal-appellant hija illi huwa ghandu kondotta “relattivament tajba”.

Illi mill-ezami tal-kondott tal-appellant pero’ li l-istess Avukat tieghu li ffirma r-rikors tal-appell jikkonfessa li ma rax qabel ma ghamel dan l-appell, jirrizulta propju l-kuntrarju w li l-appellant gie misjub hati minn dawn il-Qrati ta’ diversi reati mill-1975 sal-lum mill-inqas dsatax il-darba.

Illi ma jidhirx li l-appellant huwa propens li jissalda l-ammont minnu dovut u konsegwentement din il-Qorti ma tara assolutament ebda raguni ghala ghandha tvarja b’xi mod is-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------